

15.11.2023

A9-0341/9

**Emenda 9**

**Gilles Lebreton, Antonio Maria Rinaldi, Virginie Joron, Gunnar Beck, Alessandra Basso, Gerolf Annemans**  
f' isem il-Grupp ID

**Rapport**

**A9-0341/2023**

**Yana Toom, Cyrus Engerer**

Implimentazzjoni tal-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE  
(2022/2143(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Aa (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Aa. billi skont l-Artikolu 5(2)TUE, skont il-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi, l-Unjoni għandha taġixxi biss fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilha mill-Istati Membri fit-Trattati sabiex twettaq l-objettivi stabbiliti minn dawn it-Trattati, u billi l-kompetenzi kollha li ma jingħatawx lill-Unjoni fit-Trattati jibqgħu għand l-Istati Membri;*

Or. en

**Emenda 10**

**Gilles Lebreton, Antonio Maria Rinaldi, Virginie Joron, Gunnar Beck, Alessandra Basso, Gerolf Annemans**  
f' isem il-Grupp ID

**Rapport****A9-0341/2023****Yana Toom, Cyrus Engerer**

Implimentazzjoni tal-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE  
(2022/2143(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Premessa G***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

G. billi l-prinċipju tal-primazija **ma jimplikax** ġerarkija bejn l-ordni legali tal-UE u dawk tal-Istati Membri, **iżda minflok** jitlob li, f'każ ta' dispożizzjonijiet kunfliġġenti tad-dritt tal-UE u l-liġi nazzjonali, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali jeħtiġilhom ma japplikawx jew jinfurzaw dawk id-dispożizzjonijiet nazzjonali, u li l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali għandhom jinterpretaw il-liġi nazzjonali tagħhom f'konformità mad-dritt tal-UE; billi dan joħroġ ukoll mill-prinċipju li d-dispożizzjonijiet nazzjonali konfliġġenti għandhom ma jiġux applikati, għandhom jitħassru jew jiġu emendati biex tiġi żgurata l-konformità sħiħa tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-UE;

G. billi l-prinċipju tal-primazija **inevitabbilment jimplika** ġerarkija bejn l-ordni legali tal-UE u dawk tal-Istati Membri, **ladarba** jitlob li, f'każ ta' dispożizzjonijiet kunfliġġenti tad-dritt tal-UE u l-liġi nazzjonali, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali jeħtiġilhom ma japplikawx jew jinfurzaw dawk id-dispożizzjonijiet nazzjonali, u li l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali għandhom jinterpretaw il-liġi nazzjonali tagħhom f'konformità mad-dritt tal-UE; billi dan joħroġ ukoll mill-prinċipju li d-dispożizzjonijiet nazzjonali konfliġġenti għandhom ma jiġux applikati, għandhom jitħassru jew jiġu emendati biex tiġi żgurata l-konformità sħiħa tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-UE;

Or. en

15.11.2023

A9-0341/11

## Emenda 11

**Gilles Lebreton, Antonio Maria Rinaldi, Virginie Joron, Gunnar Beck, Alessandra Basso, Gerolf Annemans**  
f' isem il-Grupp ID

## Rapport

A9-0341/2023

**Yana Toom, Cyrus Engerer**

Implimentazzjoni tal-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE  
(2022/2143(INI))

## Mozzjoni għal riżoluzzjoni

### Paragrafu 1

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

#### *Emenda*

1. Itenni li, permezz tal-adeżjoni tagħhom mal-UE, l-Istati Membri aderixxew mal-korp kollu ***tad-dritt*** tal-UE, ***inkluża l-ġurisprudenza tal-QĠUE, u mal-valuri u l-prinċipji kollha tal-UE, kif imsemmi fl-Artikolu 2 tat-TUE, li huma, għaldaqstant, jikkondividu u impenjaw ruħhom li jirrispettaw f'kull mument; ifakkar li dan jinkludi, fost l-oħrajn, il-prinċipju ta' primazija, li huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tad-dritt tal-UE fl-Unjoni kollha u biex tiġi ggarantita l-ugwaljanza taċ-ċittadini tal-UE quddiem il-liġi;***

1. Itenni li, permezz tal-adeżjoni tagħhom mal-UE, l-Istati Membri aderixxew mal-korp kollu ***tat-Trattati*** tal-UE

Or. en

15.11.2023

A9-0341/12

**Emenda 12**

**Gilles Lebreton, Antonio Maria Rinaldi, Virginie Joron, Gunnar Beck, Alessandra Basso, Gerolf Annemans**  
f' isem il-Grupp ID

**Rapport**

**A9-0341/2023**

**Yana Toom, Cyrus Engerer**

Implimentazzjoni tal-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE  
(2022/2143(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 1a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***1a. Jisħaq li kull Stat Membru għandu t-tradizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali tiegħu stess li huma konformi mal-valuri Ewropej u li dejjem iridu jiġu trattati b'rispett u oġġettività, u f'konformità mal-prinċipju tal-ugwaljanza;***

Or. en

15.11.2023

A9-0341/13

**Emenda 13**

**Gilles Lebreton, Antonio Maria Rinaldi, Virginie Joron, Gunnar Beck, Alessandra Basso, Gerolf Annemans**  
f' isem il-Grupp ID

**Rapport**

**A9-0341/2023**

**Yana Toom, Cyrus Engerer**

Implimentazzjoni tal-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE  
(2022/2143(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 5a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***5a. Jisħaq li jekk il-primazija tad-dritt tal-UE tfisser li l-forza eżekuttiva tiegħu ma tistax tvarja minn Stat Membru għal ieħor u li l-konformità mat-test u l-ispirtu tiegħu ma tistax tvarja maż-żmien wara bidliet legali, politiċi jew soċjali nazzjonali, dan jammonta għal bidla fundamentali fin-natura istituzzjonali nnifisha tal-integrazzjoni Ewropea; jirrimarka li tali modifika sostanzjali tkun teħtieġ reviżjoni espliċita għal dan l-għan kemm tat-Trattati kif ukoll tal-proċessi ta' ratifika nazzjonali;***

Or. en

15.11.2023

A9-0341/14

**Emenda 14**

**Gilles Lebreton, Antonio Maria Rinaldi, Virginie Joron, Gunnar Beck, Alessandra Basso, Gerolf Annemans**  
f' isem il-Grupp ID

**Rapport**

**A9-0341/2023**

**Yana Toom, Cyrus Engerer**

Implimentazzjoni tal-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE  
(2022/2143(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 5b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***5b. Jisħaq li jekk prinċipju tal-ġurisprudenza kellu jiġi affermat b'mod li jannulla l-għażliet espressi minn maġġoranza, pereżempju fl-elezzjonijiet li jsiru fl-Istati Membri, dan joħloq problema demokratika kbira, speċjalment peress li dan il-prinċipju japplika anke għall-kostituzzjonijiet;***

Or. en

**Emenda 15**

**Gilles Lebreton, Antonio Maria Rinaldi, Virginie Joron, Gunnar Beck, Alessandra Basso, Gerolf Annemans**  
f' isem il-Grupp ID

**Rapport**

A9-0341/2023

**Yana Toom, Cyrus Engerer**

Implimentazzjoni tal-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE  
(2022/2143(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 8***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

8. ***Jindika, madankollu, il-konsegwenzi negattivi tad-deċiżjonijiet tal-qorti kostituzzjonali jew supremi nazzjonali li jikkontestaw, jew li ma jonqsu milli japplikaw il-prinċipju ta' primazija tad-dritt tal-UE; jenfassizza li, kieku kull qorti kostituzzjonali jew suprema nazzjonali kienet tista' tiddeċiedi dwar il-limiti tal-primazija tad-dritt tal-UE, l-effettività u l-uniformità tad-dritt tal-UE jkunu ferm ipperikolati u, konsegwentement, l-istess tkun il-garanzija għal trattament ugwali taċ-ċittadini u n-negozji madwar l-Unjoni; jissottolinja li l-kontestazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE abbażi tar-riżervi kostituzzjonali nazzjonali rigward ir-rispett għall-kompetenzi tal-UE jew l-identità kostituzzjonali nazzjonali, mingħajr ma jiġu riferuti mistoqsijiet preliminari dwar l-interpretazzjoni ta' dawn is-sentenzi lill-QĠUE tista' timmina l-awtorità tal-QĠUE; jemmen li l-ġurisprudenza ta' kwalunkwe qorti kostituzzjonali jew suprema nazzjonali li tikkontesta l-prinċipju ta' primazija tista' tħeġġeġ ukoll lil qorti kostituzzjonali jew supremi tal-Istati Membri l-oħrajn jikkontestaw il-primazija tad-dritt tal-UE;***

8. Jemmen li l-ġurisprudenza ta' kwalunkwe qorti kostituzzjonali ***nazzjonali*** jew suprema ***dwar il-prinċipju*** ta' primazija tista' ***tkun punt ta' kunsiderazzjoni għall-qorti*** kostituzzjonali jew supremi tal-Istati Membri l-oħrajn ***fir-rigward tal-portata ta' dan il-prinċipju; jirrimarka, għalhekk, is-sinifikat ta' djalogu bejn l-imħallfin kostituzzjonali nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-aderenza tal-UE mal-kompetenzi mogħtija lilha fit-Trattati;***

Or. en

15.11.2023

A9-0341/16

**Emenda 16**

**Gilles Lebreton, Antonio Maria Rinaldi, Virginie Joron, Gunnar Beck, Alessandra Basso, Gerolf Annemans**  
f' isem il-Grupp ID

**Rapport**

A9-0341/2023

**Yana Toom, Cyrus Engerer**

Implimentazzjoni tal-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE  
(2022/2143(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 8a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*8a. Jenfasizza li d-dritt tal-UE għandu l-għeruw tiegħu fil-kostituzzjonijiet nazzjonali; jafferma li huma l-kostituzzjonijiet nazzjonali li jagħtu leġittimità lid-dritt tal-UE u mhux bil-maqlub; jikkundanna t-tentattivi biex wieħed jirrikorri għal interpretazzjonijiet estensivi tad-dritt tal-UE sabiex jiġu assenjati aktar kompetenzi lill-UE; ifakkar fil-kontenut tas-sentenza tal-Bundesverfassungsgericht Ġermaniża tal-5 ta' Mejju 2020, li fiha nstab li deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-politika ekonomika kienet ultra vires minħabba nuqqas ta' konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità; ifakkar, barra minn hekk, fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Pollakka tas-7 ta' Ottubru 2021 (K 3/21), li fiha ċerti dispożizzjonijiet tat-TUE nstab li kienu inkompatibbli mal-kostituzzjoni nazzjonali sa fejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jaġixxu barra mill-kompetenzi mogħtija lilhom mill-Polonja permezz tat-Trattati; jissottolinja li dawn id-deċiżjonijiet, li huma legalment ugwali fis-sustanza, sempliċiment affermaw mill-ġdid l-intanġibbiltà kapitali tal-prinċipji supremi u d-drittijiet fundamentali li jinsabu fl-ordnijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri bħala l-qalba solida li ssawwar l-identità tagħhom; jemmen bis-sħiħ li dawn il-*



*valuri jridu dejjem jiġu protetti u  
ppreservati;*

Or. en

**Emenda 17**

**Gilles Lebreton, Antonio Maria Rinaldi, Virginie Joron, Gunnar Beck, Alessandra Basso, Gerolf Annemans**  
f' isem il-Grupp ID

**Rapport**

A9-0341/2023

**Yana Toom, Cyrus Engerer**

Implimentazzjoni tal-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE  
(2022/2143(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 11***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

11. Huwa tal-fehma li l-proċedura ta' referenza preliminari ***għandha rwol kruċjali fit-trawwim ta'*** djalogu ġudizzjarju ***liberu u*** kostruttiv ***u hija strument ewlieni biex jissolvew il-kunflitti bejn il-qrati nazzjonali tal-aħħar istanza u l-QĠUE; jistieden lill-qrati kostituzzjonali u supremi nazzjonali jużaw il-proċedura ta' referenza preliminari meta jkun xieraq; jenfasizza li, peress li tiżgura l-interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-UE, il-proċedura ta' referenza preliminari hija prerekwiżit għall-konsistenza u l-awtonomija tal-ordni legali tal-UE; ifakkar li, f'ċerti kawżi, il-QĠUE diġà wriet ir-rieda tagħha li tbiddel ir-raġunament tagħha fit-tieni deċiżjoni preliminari mitluba mill-istess qorti kostituzzjonali nazzjonali li kienet bdiet l-ewwel rinviju preliminari, li turi li din il-proċedura tipprevedi djalogu effettiv bejn il-qrati; iqis li l-kunflitti bejn ċerti qrati kostituzzjonali jew supremi nazzjonali u l-QĠUE jistgħu jixhdu nuqqas ta' djalogu matul il-proċedimenti;***

11. Huwa tal-fehma li l-proċedura ta' referenza preliminari ***tikkostitwixxi mod kif wieħed jidħol fi*** djalogu ġudizzjarju kostruttiv; ***jinnota li djalogu ta' dak it-tip huwa inkompatibbli ma' prinċipju ġenerali u strett ta' primazija li jinvolvi interpretazzjoni uniformi u li għalih, għalhekk, m'hemmx lok għal diskussjoni;***

Or. en

15.11.2023

A9-0341/18

**Emenda 18**

**Gilles Lebreton, Antonio Maria Rinaldi, Virginie Joron, Gunnar Beck, Alessandra Basso, Gerolf Annemans**  
f' isem il-Grupp ID

**Rapport**

**A9-0341/2023**

**Yana Toom, Cyrus Engerer**

Implimentazzjoni tal-prinċipju tal-primazija tad-dritt tal-UE  
(2022/2143(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 17**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

17. ***Itenni d-dmir il-Kummissjoni, bħala l-gwardjan tat-Trattati, biex timmonitorja mill-qrib is-sentenzi tal-qrati nazzjonali rigward il-primazija tad-dritt tal-UE u żżomm lill-Parlament infurmat dwar kwalunkwe azzjoni meħuda bi twegħiba; jistieden lill-Kummissjoni ttipprovi informazzjoni sħiħa dwar kwalunkwe kunflitt possibbli, fid-dawl tar-responsabbiltà tagħha lejn il-Parlament skont it-Trattati;***

17. ***Jistieden lill-Kummissjoni tistudja mill-qrib is-sentenzi tal-qrati nazzjonali rigward il-primazija tad-dritt tal-UE fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tqishom fl-interpretazzjoni tagħha stess tad-dritt tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tibgħat sommarju dettaljat tad-deċiżjonijiet tagħha f'dan il-qasam lill-Kunsill u lill-Parlament;***

Or. en